**QORTI TA' L-APPELL**

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 15/2013**

**Maria Dolores Grech**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tad-09 ta' Awwissu 2013, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*'L-Arbitru,*
*Ra l-appell;*
*Ra r-risposta;*
*Ikkunsidra,*

*Illi b'ittra datata 3 ta' Settembru, 2012, l-appellanti giet informata li ma kienitx tikkwalifika ghal ghajnuna socjali billi r-rizorsi taghha jeccedu l-limitu ta' €14000.*
*Illi gie interpost appell b'ittra datat 17 ta' Settembru, 2012;*
*Id-Dipartiment irrisponda b'ittra datata 2 ta' Gunju, 2011;*
*Bhala beneficcju ta' ghajnuna socjali l-appellanti kellha l-obbligu li tinforma lid-Dipartiment b'kull kambjament fic-cirkostanzi taghha., Hija bieghet u xtrat propjeta' minghajr ma nfurmat lid-Dipartiment. Huwa abbinat ma' ezami ta' m mezzi sa €14000.*
*L-appell qed jigi michud.'*

Illi minn din is-sentenza ħassitha aggravata l-appellanti Maria Dolores Grech bl-**ewwel aggravju** illi s-sentenza tal-Arbitru hija nulla u bla effett stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi għal dak li jirrigwarda l-motivazzjoni u illi id-deċiżjoni ma tirriflettiex ir-realta finanzjarja tas-sitwazzjoni tal-appellanti. It-**tieni aggravju** jirrigwarda l-fatt illi r-rizorsi tal-appellanti ma jissuperawx il-limitu ta' €14 000 u kwindi l-appellanti tgħid illi hija kienet intitolata għall-għajnuna taħt l-Att dwar is-Sigurta Soċjali.

L-appell prezenti tar-rikorrenti fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza jikkontjeni aggravji kompletament identici ghal dak ta' l-appell fl-istess ismijiet, (Rikors Nru. 15/2013) deciz illum stess;

Gjaladarba l-mertu jitratta mill-istess fatti kostitutivi, u mill-istess sottomissjonijiet f'dak l-appell l-iehor dibattuti u decizi, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet kollha minnha espressi f'dak l-appell Numru 14/2013 u taghmilhom, *mutatis mutandis* applikabbli ghall-appell odjern.

Ghal dawn il-motivi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha zvolti f'dak l-appell l-iehor, kontestwalment deciz, il-Qorti qeghda tilqa' l-aggravju tal-appellanti Maria Dolores Grech  u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi.

L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur